---

**28 ta' Frar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Pio Vassallo

*versus*

Emmanuele Chetcuti *et*

**Ritrattazzjoni - Sejbien ta' Dokument Deċiżiv - Żball**

*Fil-proċedura tar-ritrattazzjoni jew smigħ mill-ġdid ta' kawża jenħtieġu żewġ stadji: L-ewwel li titneħħa u tithassar is-sentenza ta' qabel (*in rescindente*) u wara li jsir is-smigħ mill-ġdid (*in rescissorio*). Irid allura jiġi stabbilit qabel xejn jekk jeżistux l-elementi rikjesti mil-liġi li jiġġustifikaw ir-ritrattazzjoni.*

*Is-subinċiż k ta' l-artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Oganizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi li kawża tista' tkun ritrattata "jekk wara s-sentenza jkun instab dokument deċiżiv u li l-parti li ġġibu ma kinitx taf bih, inkella li bil-mezzi li tagħti l-liġi, ma setgħetx iġġibu qabel dik is-sentenza".*

*Skond il-ġurisprudenza r-ritrattazzjoni fuq dan il-motiv ma tistax tiġi mogħtija ħlief fil-każ li dak id-dokument ma kienx possibbli li jiġi esebit qabel jew almenu li l-produzzjoni tiegħu kienet diffiċli ħafna.*

*Is-subinċiż (l) ta' l-artikolu 811 ta' l-istess Kodiċi jipprovdi li jkun hemm lok għal smigħ mill-ġdid tal-kawża jekk is-sentenza kienet effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.*

*Issa dan l-iżball mhux biss għandu jkun wieħed determinanti imma ukoll irid ikun żball dovut min-nuqqas ta' attenzjoni momentanja tal-ġudikant li jonqos li japprezza l-fatti kif jirriżultaw fil-proċess quddiemu u jqishom b'mod żbaljat.*

Il-Qorti:-

Din hi kawża ta' ritrattazzjoni ta' kawża deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta' Jannar, 1993 b'din is-sentenza:

"Il-Qorti:-

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Ottubru, 1990, li minnha sar l-appell preżenti u li hija

hekk:

"Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta illi l-konvenuti qegħdin jokkupaw il-post fi Triq il-Kbira, il-Mosta, proprjetà ta' l-attur mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u għalkemm interpellati biex joħorġu u jirrilaxxjaw il-fond f'idejn l-attur, dawn baqgħu inadempjenti;

Talab li dina l-Qorti:

Tikkundanna lill-konvenuti jiżgumbraw mill-imsemmi post fi Triq il-Kbira, il-Mosta, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss;

Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż ta' dina l-kawża;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha hija eċċepiet:

Preliminarjament illi l-attur għandu jindika l-identità preċiża tal-fond in kontestazzjoni u inoltre għandu jipprova t-titolu ta' proprjetà minnu allegat;

Illi fil-meritu l-ewwel talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-eċċipjenti qiegħda tokkupa l-fond in parola b'titolu validu skond il-liġi *kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni* tal-kawża. Konsegwentement it-tieni talba attriċi hija similment infondata fil-fatt u fid-dritt;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Emmanuele Chetcuti li biha eċċeppixxa:

Preliminarjament illi l-attur naqas milli jindika l-identità preċiża tal-fond in kontestazzjoni u stante tali nuqqas l-azzjoni attriċi hija nulla; inoltre huwa għandu jipprova t-titolu ta' proprjetà minnu allegat;

Illi fil-meritu l-ewwel talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-eċċipjenti qiegħed jokkupa l-fond in parola b'titolu validu skond il-liġi kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Konsegwentement it-tieni talba attriċi hija similment infondata fil-fatt u fid-dritt;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenut;

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi ssib li l-attur naqas li jipprova t-titolu ta' proprjetà minnu allegat u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi bħala nfondati bl-ispejjeż kontra l-attur;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Pio Vassallo li biha interpona appell mis-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti u l-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li biha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tordna r-remissjoni ta' l-atti tal-kawża quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti biex il-kawża tkun tista' tiġi ttrattata u deċiża. Rat ir-risposta ta' l-

atturi appellata għall-appell tal-konvenut li permezz tagħha għar-raġunijiet fiha indikati ssottomettew li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u għalhekk l-appell għandu jiġi respint bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti. Semgħet it-trattazzjoni. Ikkunsidrat. Fil-qosor l-aggravju tal-konvenut appellant huma dawn li ġejjin:

Is-sentenza appellata hija nulla billi kien hemm ostakolu proċedurali għall-prolazzjoni tas-sentenza konsistenti fil-fatt li l-istess sentenza ingħatat nonostante li kien hemm appell pendenti minn digriet interlokutorju mogħti mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-24 ta' Ottubru, 1990;

Is-sentenza appellata hija ukoll nulla in kwantu huwa kien imċaħħad milli jressaq il-provi tiegħu indebitament. Mhux il-każ li huwa naqas li jressaq il-provi tiegħu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-26 ta' Ġunju, 1990, minħabba xi nuqqas da parti tiegħu, iżda sempliċement ma kienx f'qagħda li jressaq provi billi d-difensur tiegħu dak in-nhar kien indispost;

Ikkunsidrat:

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż ta' din l-istanza a kariku ta' l-appellant";

Qed jitlob li l-kawża tinstema' mill-ġdid l-attur appellant u dan a bażi tas-subinċiż (k) u (l) ta' l-artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili b'din il-motivazzjoni;

"Illi fil-fatt xi ġranet ilu (u wara s-sentenza finali) huwa skopra illi l-kopja illi huwa esebixxa tal-kuntratt ta' l-akkwist tiegħu in atti Dottor R. Zammit Pace (Dok. JA1) *kellu żball* fid-data tal-publikazzjoni ta' l-istess att: infatti kif jirriżulta mill-kopja legali esebita ma' dan l-att (Dok. RT1) dan kien ġie ppubblikat fl-1976 u mhux fl-1967 kif jindika l-imsemmi Dok. JA1. Kwindi l-konklużjoni raġġunta mill-Qorti li l-awtur tal-vendituri f'dak l-att Nicholas Sammut kien għadu ma mietx ma treġix di front għal din l-iskoperta għaliex il-mewt tiegħu ġrat fl-1970. Dan jikkostitwixxi ċertament (speċjalment aġġunt ma' dawk iktar 'l isfel imsemmija) dokument deċiżiv li hu ma kienx jaf bih u s-sentenza *kienet* effett *ta' żball derivanti* mid-dokument imsemmi (JA1);

Inoltre l-esponent skopra ukoll l-eżistenza ta' tliet *kuntratti li kopja legali tagħhom qed jiġu esebiti u mmarkati* Dok. RT2 u RT3 u RT4 li permezz tagħhom Giuseppe u sussegwentement l-armla tiegħu Giovanna Sammut (ċjoè l-aventi causa ta' l-imsemmi Nicholas Sammut) kienu akkwistaw gradatament porzjonijiet indiviżi (kwindi l-intier) tal-fond *de quo*. Dawn huma atti pubblikati rispettivament min-Nutar F. Catania (29.4.27), Nutar G. Chetcuti (2.10.46) u A. Sciberras Trigona (31.1.50). Isegwi għalhekk li l-esponent huwa uniku proprjetarju tal-fond in kwistjoni";

Il-konvenuti ritrattati hekk jikkontestaw it-talba tar-ritrattand għal smigħ mill-ġdid;

*Omissis*;

Kif hu risaput fil-proċedura tas-smigħ mill-ġdid ta' kawża jenħtieġu żewġ stadji: l-ewwel li titneħħa u titħassar is-sentenza ta' qabel (*in rescindente*) u wara li jsir is-smigħ mill-ġdid (*in rescissorio*). Irid allura jiġi stabbilit qabel xejn jekk jeżistux l-

elementi rikjesti mil-liġi strettament fil-parametri ta' wieħed jew aktar mill-motivi elenkati fl-artikolu 811 tal-Kap. 12 li jiġġustifikaw ir-ritrattazzjoni u allura li jirrendu t-talba għas-smigħ mill-ġdid ammissibbli;

*"La legge ... enumerando i motivi che danno luogo alla ritrattazione stabilisce che una causo può essere, per qualcuno di quei motivi ritrattata previa la revoca di quella sentenza cioè essa vuole che si guidichi prima dell'ammisibilità della domanda di revocazione e poscia del merito e ciò per l'ovvia ragione che a tale ultimo esame non si potrebbe fare luogo prima che venga tolto l-ostacolo della cosa giudicata"* (Vol. XXII, pt. III, p. 235);

Ma hemmx għalfejn jiġi ribadit illi "l-esiġenzi proċesswali f'materja ta' ritrattazzjoni għandhom jiġu u dejjem ġew strettament interpretati" (Vol. XXXIX, pt. III, p. 854). Hu allura ċar illi l-Qorti jeħtiġilha tagħmel l-eżerċizzju *in rescindente* biex tiddetermina jekk jokkorrux l-elementi għall-smigħ ġdid billi teżamina s-subinċiżi ta' l-artikolu 811 invokati mir-ritrattand u tara kif dawn jinkwadraw ruħhom fil-proċeduri li tagħhom qed jintalab is-smigħ mill-ġdid;

Is-subinċiż (k) ta' l-artikolu 811:

Dan is-subinċiż jipprovdi illi tista' tiġi ritrattata l-kawża deċiża b'sentenza ta' din il-Qorti:

"jekk wara s-sentenza jkun instab dokument deċiżiv u li l-parti li ġġibu ma kinitx taf bih, inkella li bil-mezzi li tagħti l-liġi, ma setgħetx iġġibu qabel dik is-sentenza";

"Ir-ritrattazzjoni ma tistax tiġi mogħtija fuq il-motiv li wara s-sentenzaa instab dokument deċiżiv, ħlief fil-każ li dak

id-dokument ma kienx possibbli li jiġi esebit qabel jew almenu li l-produzzjoni tiegħu kienet diffiċli ħafna" (Vol. XXXIII, pt. I, p. 703);

"Min jitlob ritrattazzjoni għall-motiv li jkun sab xi dokument deċiziv wara s-sentenza jeħtieġ li jipprova mhux biss li ma jkunx jaf bl-eżistenza ta' dan id-dokument, imma ukoll illi uża l-ħila tiegħu kollha, jew għall-inqas id-diliġenza ta' *bonus pater familias* biex isir jaf bih u jġibu 'l quddiem meta kien imissu" (Vol. XXIX, pt. I, p. 645);

Insenjament dan li immedjatament ipoġġi fid-dubbju t-talba tar-ritrattand għal smigħ xieraq taħt dan il-kap. Infatti:

Id-dokumenti illi r-ritrattand ma kienx jaf bihom u li infatti pproduċa bħala annessi mar-rikors tiegħu huma tliet kuntratti. Wieħed minnhhom jidher li hu identiku ma' ieħor minnu esebit waqt it-trattazzjoni tal-kawża quddiem il-Prim'Istanza bid-differenza li d-data tal-pubblikazzjoni tiegħu tirriżulta li hi fil-kopja issa esebita 6 ta' April, 1976 waqt li l-kopja esebita fil-bidu tal-proċeduri ġġib id-data 6 ta' April, 1967. Iż-żewġ dokumenti l-oħra huma kopji ta' kuntratti ppubblikati li ma ġewx esebiti qabel u li suppost - skond ir-ritrattand - kellhom juru li r-ritrattand kien l-uniku proprjetarju tal-fond in kwantu kienu jipprovdu l-provenjenza soda tiegħu. Dokumenti li r-ritrattand naqas li jipproduċi fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u quddiem din il-Qorti fi stadju ta' appell u dana tul medda ta' snin;

Tokkorri immedjatament id-domanda jekk ir-ritrattand setgħax jipproduċi dawn id-dokumenti qabel is-sentenza ritrattanda. Ir-risposta hi ovvjament fl-affermattiv għaliex dawn huma kuntratti illi kienu faċilment jirriżultaw lill-attur li kieku kkonduċa - kif kellu jagħmel u kif kien fl-interess tiegħu li

jagħmel - indaġini serja u solerti b'riċerka fir-Reġistru ta' l-Atti Pubbliċi. Il-fatt li dana ma għamlux meta suppost li għamlu jpoġġi lir-ritrattand f'kolpa li ma użax dik id-diliġenza ta' *bonus pater familias* biex jipprova t-titolu tiegħu fi stadju opportun;

Sewwa li jingħad li l-attur kien qed jittanta l-*actio reivendicatoria* li timporta min-natura tagħha l-prova dijabolika taċ-ċertezza tat-titolu. Dan hu rilevanti għax jissottolinea l-obbligu li kellu l-attur li jikkonduċi riċerka akkurata għal dan il-fini u l-fatt li dan ma għamlux meta bil-liġi kien messu jagħmlu jeskludih milli jagħmlu f'dan l-istadju. Kieku ma kienx hekk, kien jingħata aditu għall-forma ta' appell ta' tielet istanza fejn is-smigħ tal-kawża jerġa' jsir biex jinstab rimedju għan-nuqqasijiet fit-trattazzjoni da parti tar-ritrattand u konsiderazzjoni mill-ġdid tal-meritu. Ordinament ġuridiku li mhux rikonoxxut fis-sistema nostan;

Kif sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti l-attur naqas f'dak l-istadju quddiemha li jipproduċi kopja awtentika tal-kuntratt tas-6 ta' April, 1967 u lanqas ipproduċa lin-Nutar li ppubblika l-Att biex jikkonferma l-kopja minnu esebita. Li kieku dan sar, seta' jagħti l-każ li n-Nutar kien jindika d-diskrepanza fid-data jekk din verament kienet teżisti għaliex sal-lum il-Qorti mhijiex f'posizzjoni li tkun taf b'ċertezza jekk id-data tal-pubblikazzjoni ta' dak il-kuntratt kinitx verament 1976 u mhux 1967. Fatt li seta' ukoll joħroġ li kieku l-attur ikkonduċa riċerki ġusti. Apparti dan kollu jirriżulta ukoll illi dan il-kuntratt ma jistax jitqies bħala deċiżiv tal-meritu anke jekk jitqies li sar fis-sena, meta skond l-attur, suppost li sar, għaliex - kif sewwa rriteniet is-sentenza ta' l-ewwel istanza u dik minn din il-Qorti ritrattanda - dan il-kuntratt, sar meta sar, ma kienx jipprova b'mod konklussiv illi l-attur kien l-uniku proprjetarju tal-fond *de quo*. Kien akkwista se mai interess indeterminat u indefinit fi kwota ereditarja indiviża li kienet tinkludi sehem fil-fond *de quo*. Altru mill-prova dijabolika li tesiġi l-liġi taċ-ċertezza tat-

titolu fl-*actio reinvendicatoria*;

Anke ż-żewġ kuntratti l-oħra esebiti mar-rikors għar-ritrattazzjoni u li fuqhom ir-ritrattand jistrieħ għat-talba tiegħu għas-smigħ mill-ġdid ovvjament setgħu jiġu minnu rinvenuti u prodotti fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u anke quddiem din il-Qorti waqt l-appell. Kienu ukoll ċertament jirriżultaw kieku saru riċerki akkurati. Il-konfużjoni fil-linja difensjonali ta' l-attur tkompli taċċentwa ruħha u tirrifletti l-mod non kuranti kif dan ikkonduċa l-każ tiegħu meta wieħed jinnota li dawn l-aħħar żewġ kuntratti ma jagħmlu l-ebda referenza għall-fond li l-attur qed jirrivendika u ċjoè għall-fond nru. 197, High Street ġá Main Street, il-Mosta, imma jagħmlu invece referenza għall-fond numru 97 fl-istess triq. Il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona tal-31 ta' Jannar, 1950, jirreferi *inter alia* għall-bejgħ tan-"nofs indiviż ta' porzjoni magħżula mil-lok ta' djar li qiegħed il-Mosta, Main Street, Rabat, Strada Reale (nru. 97) sebgħa u disgħin u qabel (46) sitta u erbgħin". Il-kuntratt tan-Nutar Giovanni Chetcuti tat-2 ta' Ottubru, 1946, ittratta *dwar il-bejgħ ta' "dritt tal-komunjoni tar-remissa bil-*bieb numru 97 għall-imsemmija triq u tal-bitħa li qiegħda wara r-remissa ...". Fond allura *toto coelo* differenti minn dak pretiż u vvendikat mir-ritrattand. Dan apparti mill-konsiderazzjoni ġenerali li qari akkurat ta' dawn id-dokumenti bl-ebda mod ma seta' jkun deċiżiv għad-determinazzjoni tat-talba ta' l-attur. Ċertament ma jagħmlu xejn biex jinnewtralizzaw id-dubbju li skossa l-konvinċiment ta' l-Ewwel Qorti u ta' din il-Qorti f'sede ta' Appell u li bħala konsegwenza wassal għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi;

Ir-ritrattazzjoni fuq dan il-kap hi għalhekk respinta;

Is-subinċiż (l) ta' l-artikolu 811:

*Dan is-subinċiż jipprovdi li jkun hemm lok għal smigħ* mill-ġdid tal-kawża jekk is-sentenza kienet effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża;

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu jitqies li hemm dan l-iżball "fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubbju eskluża jew fuq is-supposizzjoni *li ma jeżistix xi fatt li* l-verità tiegħu tkun stabbilita posittivament basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza";

Issa hu immedjatament ovvju illi r-ritrattand mhux qed jallega fil-motivi tiegħu għal smigħ mill-ġdid taħt dan il-kap illi kien jirriżulta *żball li jidher mill*-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. Għall-kuntrarju qed jallega se mai, żball li jidher mill-konfront ta' dokument fil-kawża ma' dokument barra mill-kawża li hu difatti esebixxa mar-rikors tiegħu għar-ritrattazzjoni. Apparti dan, jidher ukoll li s-sentenza appellata bl-ebda mod ma tista' *titqies li hi* bbażata fuq il-fatt li s-sena tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt kienet l-1967 u mhux l-1976. Hu veru li fis-sentenza tal-Prim'Istanza, mhux dik ta' l-appell, saret riflessjoni negattiva għat-teżi attriċi dwar is-sena 1967 li fiha dak il-kuntratt kien ġie allegatament ippubblikat. Imma anke f'dik is-sentenza l-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Qorti għall-konvinċiment illi l-attur ma rnexxilux jipprova b'mod konklussiv u konvinċenti t-titolu tiegħu ta' proprjetà huma diversi u indipendenti minn dik id-data allegatament żbaljata. Is-sentenza li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni żgur li ma jistax jingħad li kienet qed tiġi bbażata fuq dan l-allegat żball. Żgur li s-sentenza ma tirriżultax dipendenti minn din il-konsiderazzjoni anke jekk jiġi konċess illi d-data tal-kuntratt kienet żbaljata;

"*L'errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporti di casualità colla decisione*" (Vol. XXVII, pt. I, p. 432)";

"Jeħtieġ li jkun manifest li (l-iżball) jkun idetermina d-deċiżjoni i.e. li s-sentenza vvizzjata b'dak l-iżball ma tistax tiġi sorretta minn xi raġunijiet oħra indipendentement minn dik żbaljata" (Vol. XXXVIII, pt. I, p. 323);

L-iżball li jagħti lok għal ritrattazzjoni mhux biss għandu jkun wieħed determinanti imma ukoll irid ikun żball dovut min-nuqqas ta' attenzjoni momentanja tal-ġudikant li jonqos li japprezza l-fatti kif jirriżultaw fil-proċess quddiemu u jqishom b'mod żbaljat;

"*Richiedendo la legge che l'errore risulti dagli atti e dai documenti della causa esse suppone che il giudice non li abbia consultati per inavvertenza momentanea*" (Vol. XXVII, pt. I, p. 853)". Jeħtieġ li l-iżball ikun jirriżulta mid-dokumenti tal-kawża u mhux minn xi atti ġodda" (Vol. XXXVII, pt. I, p. 323). "*L'errore di fatto bisogna che sia un errore materiale, intuitivo, risultante dal semplice confronto delle dichiarizioni della sentenza cogli atti e documenti*" (Vol. XXIV, pt. I, p. 609);

Ċirkostanzi dawn li fil-każ in eżami manifestament ma jokkorrux. Tant li l-Ewwel Qorti, jekk xejn, aċċettat bħala korretti d-dokumenti preżentati mill-attur stess u sewwa argumentat il-konsiderazjonijiet tagħha bbażati ukoll - imma ċertament mhux esklussivament u b'mod determinanti - fuq is-sena li fiha ġie ppubblikat l-att kif kien jidher mill-istess kopja tal-kuntratt esebit;

Anke dan l-aggravju u motiv għal ritrattazzjoni hu għalhekk insostenibbli u qed jiġi rriġettat;

It-talba ta' l-attur għal smigħ mill-ġdid tal-kawża hija allura priva minn kull fondament;

Għal dawn ir-raġunijiet tiċħad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.